GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-KWALITÀ U L-ISTANDARDS FL-EDUKAZZJONI

# Informazzjoni għall-ġenituri dwar L-Evalwazzjoni Esterna Iffukata

Għeżież Ġenituri/Kustodji Legali,

Fil-ġimgħat li ġejjin, Uffiċjali Edukattivi fi ħdan id-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE) ser iżuru l-iskola biex jaraw kif inhi sejra. Din tissejjaħ Evalwazzjoni Esterna. L-informazzjoni li ġejja toffri linja gwida li tispjega dan il-proċess.

## A. X'inhu l-għan tal-Evalwazzjoni Esterna?

- Tevalwa l-kwalità fl-iskola mqabbla mal-iStandards Nazzjonali tal-Kwalità li jiffukaw fuq it-tmexxija tal-iskola;
- Tippromwovi titjib fl-iskola.

## B. X'jiġri matul l-Evalwazzjoni Esterna?

L-Uffiċjali Edukattivi jevalwaw:

- il-kwalità tat-tmexxija;
- il-kapaċità li l-skola għandha li tirrifletti fuq l-operat tagħha u li ttejjeb il-prattiċi li qed tħaddan.

L-Uffiċjali Edukattivi ser jevalwaw dan kollu permezz ta' intervisti u kwestjonarji mal-imsieħba, kif ukoll osservazzjonijiet ta' attivitajiet u proċeduri/rutini li jseħħu barra mill-klassi.

## Ċ. X'jiġri wara l-Evalwazzjoni Esterna?

Il-Kap tal-iskola jingħata rapport li jindika fejn l-iskola miexja sew u fejn hemm bżonn li jsir aktar titjib. Issir komunikazzjoni mal-ġenituri/kustodji legali dwar x'ħareġ fir-rapport skont il-kuntest u l-iffukar tal-evalwazzjoni esterna.

## D. X'ser ikun il-kontribut tiegħek fl-Evalwazzjoni Esterna bħala ġenitur/kustodju legali?

Bħala ġenituri/kustodji legali tistgħu tgħinu fil-proċess ta' din l-Evalwazzjoni Esterna billi timlew il-kwestjonarju li jintbagħat qabel ma ssir l-Evalwazzjoni Esterna.

**Denise Gatt**
**Direttur tad-DQSE**